**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Hubert Cini**

**Vs**

**Renald Hayman**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Renald Hayman, 33 sena, iben Anna xebba Hayman, imwieled Pieta' data tat-twelid 13 ta' Novembru 1981, ID 4182M, u residenti 199 Flat 1 Triq iz-Zewgt Mini, l-Isla;

Talli fil-31 ta' Mejju 2015, gewwa Triq Sant Antnin, il-Fgura, ghall-habta tad-8:45pm:

1) Volontarjament u bil-hsieb li jaghti n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar t'abitazzjoni, bastiment, vettura, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq u meta setgha jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna jew persuni, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni

tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2) Talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li volontarjament thassar, jew taghmel hsara jew tgharraq hwejjeg ta' Maria Vassallo, mobbli jew immobbli u cioe' fil-bieb ta' barra tal-fond 58 Norbert Building, Triq Sant Antnin, Fgura, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

3) Talli bejn l-24 ta' Mejju 2015 bejn 09:30pm u 10:00pm, u il-31 ta' Mejju 2015 ghall-habta tad-8:45pm, gewwa l-Fgura, w fil-hinijiet ta' qabel u fil-25 ta' Mejju 2015 gewwa Paola w Fgura, tajt fastidju lil Maria Vassalo;

4) Talli bejn l-24 ta; Mejju 2015 bejn 09:30pm u 10:00pm, fil-25 ta' Mejju 2015 u l-31 ta' Mejju 2015 ghall-habta tad-8:45pm, gewwa l-Fgura, Malta u fil-hinijiet ta' qabel, u fil-25 ta' Mejju 2015 gewwa Paola u Fgura, ikkagunajt lil Maria Vassallo biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti;

5) U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, ksirt Ordni ta' Protezzjoni favur Maria Vassallo u l-familjari taghha ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 u hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Magistrat A. G. Vella LL.d fid-19 ta' Settembru 2014.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali fit-3 ta' Frar, 2016, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi tal-ligi li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-19 ta' Lulju 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi t-tentattiv ta' hruq tal-bieb ta' barra tar-residenza ta' Maria Vassallo kien ta' konsegwenza minimissima, u dan kellu jkun rifless fil-piena;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 251A, 251B, 316(a), 325(1)(b), 383, 412C, 532° u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni a favur Maria Vassallo ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 ghal tlett (3) snin.

Tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 ghal tlett (3) snin fuq l-imputat, dwar imgieba aggressiva fil-konfront ta' terzi.

Inoltre tqieghed lill-istess imputat taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**